KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru erbatax (14) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2013 fil-Bini Amministrattiv tal-KLM fis-6:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻATI: | Michel Farrugia | Kunsillier |

1. Is-sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta numru tlettax (13) tal-KLM kienu meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kollha li dehrilhom il-kunsillieri, skont kif muri fuq il-kopja oriġinali u inizjalati u kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti:**

3. Dwar id-dlam li ssemma li hemm fi Triq tas-Sejba, propju fil-bidu tagħha, minn Charlene Zammit, kien deċiż li tintbgħat applikazzjoni għal talba oħra tad-dwal tat-toroq għaliex dan id-dlam mhux ġej biss għaliex mhux qed jixgħel il-*bus-shelter* li hemm fiż-żona. Intant is-sindku saħaq li għandna ninsistu fuq *Transport Malta* sabiex il-*bus-shelter* jiġi trasferit għal post aktar 'il quddiem.

4. Dwar l-oġġezzjoni li kien hemm dwar l-attività kulturali minn naħa tal-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà Santa Marija, is-sindku qal li rċieva ittra mill-każin u weġibha fil-kapaċita personali tiegħu.

5. Għall-proposta tal-bank li hemm il-ħsieb li jitpoġġa fi Triq Karmenu Ciantar, Paul Spiteri qal li s'issa s-sezzjoni tal-armar tal-festa ta' Santa Marija għadhom ma ndikawx kemm u fejn se joħroġ 'il barra l-armar tal-festa li jista' jtellifhom bl-istess proposta tal-bank fuq il-bankina.

6. Is-sindku semma li l-proposta ta' *embellishment* tal-*playing field* tista' tibda' timmaterjalizza biss kemm-il darba l-*MEPA* tapprova l-applikazzjoni tagħna tad-*DNO*. Sadanittant se nippruvaw nittappjaw fondi mill-GAL Xlokk ħalli nżiduhom ma' dawk tal-Fond għat-Titjib Urban biex intaffu mill-ispiża tal-bandli.

7. Fuq insistenza li reġgħet saret mill-uffiċċju tagħna, issa ingħatajna appuntament ma' rappreżentant tal-Ministru tal-Edukazzjoni għal nhar it-12 ta' Novembru 2013, biex noġġezzjonaw għal proposta tagħhom illi t-tfal tal-Imqabba jinqatgħu minn mal-Kulleġġ San Benedittu u jibdew imorru San Injazju, Ħal Qormi.

8. B'risposta għall-preokkupazzjoni tagħna illi hemm trab eċċessiv fl-inħawi tas-Sejba, il-*MEPA* infurmatna illi tista' tinstalla l-apparat tagħha fl-inħawi sabiex tkejjel dawn l-*air borne particles* li qed jinħolqu f'dan l-ambjent tal-barrieri u impjanti li qed joperaw fiż-żona. L-uniku diffikultà li s-SE jaħseb li se jkun hemm, hija l-provista tal-elettriku li jinħtieġ illi nsibu fil-viċin għal dan l-apparat.

9. B'reazzjoni għall-preokkupazzjoni tagħna illi taħt it-triq hemm ħofra kbira 'l isfel li din tista' tikkaġuna ħsarat fi Triq tas-Sejba, propju fil-post fejn din xi ftit tax-xhur ilu ċediet u reġgħet inksiet partijiet minnha minn *Transport Malta*, il-KLM kien infurmat illi *Transport Malta* ma ħaduhiex ir-responsabbilità din id-darba, u intant kitbulna bl-avukat biex aħna nfittxu lil sid din il-ħofra ħalli jimliha.

10. L-esperiment tal-għeluq ta' parti minn Triq Valletta għat-traffiku fil-ħinjijiet li jkunu deħlin u ħierġin it-tfal mill-iskola, kien hemm min faħħru. Dan l-immaniġġjar tat-traffiku inbeda llum bil-ħaddiema tagħna għaliex il-plizija ma tfaċċaw minn imkien minkejja li kienu ilhom jafu b'kollox b'kuntatt li għamel is-sindku mas-supritendent.

11. Propju llum il-kuntrattur prospettiv tal-manutenzjoni tat-toroq *Elle's Urban Services*, ġabilna l-garanzija bankarja li se tieħu post il-*bid-bond* li kien tefa' mal-offerta pubblika. Għaldaqstant se jkun iffirmat il-kuntratt fil-jiem li ġejjin.

12. B'diskussjoni fuq ir-restawr li se jsir fuq l-istatwi ta' fuq il-Mentna, is-SE qal li ħareġ l-*awarding letter* fuq *Agius Stone Works* wara li għalaq iż-żmien li fiha seta' l-*bidder* l-ieħor jagħmel l-oġġezzjoni formali tiegħu. Għaldaqstant ix-xogħol hu ttamat li jibda dalwaqt. Intant faċċata ta' dawn l-istatwi, *Heritage Malta* se jkunu qed jagħmlu l-manutenzjoni fuq id-dħulijiet tal-kmamar tal-katakombi tal-Mentna u l-KLM se jkun qed jeżentahom mill-ħlasijiet tal-*hoarding site* (*material permit*) kif ukoll tal-permessi tal-*iskips* li se jkunu qed jużaw bħala apprezzament għal dak kollu li se jkunu qed jagħmlu fil-lokalità tagħna b'risq il-patrimonju Mqabbi.

13. Dwar is-serata Ġieħ l-Imqabba, il-kunsillieri kellhom kliem ta' tifħir kemm mill-attendenza tan-nies kif ukoll mill-att organizzattiv. Kien hemm diskussjoni dwar il-fatt illi wieħed li kien jixraqlu l-premju ta' mertu, dan ma tfaċċax għas-serata. Hawn kienet diskussa n-nuqqas ta' attendenza mill-*VIPs* kif ukoll l-ambizzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li jingħaqdu ż-żewġ każini f'banda waħda. Dwar il-Quddiesa ta' Ringrazzjament, kien innutat li kien hemm rappreżentanza tas-soċjetajiet kollha tar-raħal u jidher li s-sistema tas-*seating* ħadmet ukoll fil-knisja.

14. Dwar l-Isptar il-Qadim, intqal illi l-ħajt li twaqqa' minn terzi, kixef il-ġardina tant li konna kostretti niġbdu l-attenzjoni ta' dawn is-sidien sabiex jinbena ħajt ta' tmien filati. Dan il-ħajt s'issa għadu ma nbeniex u għadna qed ninsistu biex isir dan.

15. Kien hemm diskussjoni dwar il-wirja ta' pittura li se tittella' fl-Isptar il-Qadim mill-Olandiża li tgħix fl-Imqabba Ms Annemarie Hoogvliet Weijers. Xi kunsillieri kienu tal-fehma li l-loġistika ta' din il-wirja mhix fir-responsabbiltà tal-KLM. Madankollu se nkunu involuti fiha peress li din se tinfetaħ il-Ħadd, 24 ta' Novembru 2013 mis-sindku u l-artista fuq imsemmija.

16. Reġgħet saret referenza għall-qtates *stray* li hemm fi Triq Valletta u kif l-eżerċizzju tan-*neutering* tagħhom jista' jiġi ripetut f'siti oħra fl-Imqabba fejn hu magħruf li hemm aktar qtates. Madankollu, jidher ċar li dak li sar fi Triq Valletta sar għaliex kien hemm l-inizjattiva ta' xi wħud li ħadu r-responsabbiltà li jaqbduhom. Għaldaqstant se naraw jekk Ms Dorothy Calleja hix lesta li tagħmel dan fi Triq il-Ħarriġiet.

17. Is-sindku fakkar fil-laqgħa li se ssir għall-kunsillieri kollha, li se tkun organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-lukanda Dolmen nhar is-7 ta' Diċembru, 2013 fid-9.30am.

18. Intqal illi għandna nibgħatu nota ta' ringrazzjament lill-artisti kollha li taw sehemhom fl-attivita' *Biss Bil-Ħila* kif ukoll lin-nisa li qagħdu għall-kors u li taw sehemhom fit-tisjir. Il-KLM qed jikkunsidra wkoll li jistieden l-għaqdiet nhar l-24 ta' Novembru, 2013, għall-Wirja tal-pittura fl-Isptar il-Qadim.

19. Il-KLM iddiskuta l-għoti tal-kwotazzjoni pubblika li ħarġet għal-*live streaming* tal-laqgħat tal-kunsill. Dik tal-*AID Ltd* kienet ta' €3,003.10 u dan tana garanzija fuq l-*equipment* għal tliet snin u ta' *Correct Terminations Ltd* kienet ta' €2,596 48 u dan tana garanzija wkoll ta' erba' snin. Il-KLM iddeċieda li jagħti l-kuntratt lill-*Correct Terminations Ltd* bil-kundizzjoni li dan jaċċetta li ma nidħlux fil-*maintenance agreement.*

20. Il-KLM iddiskuta l-għoti tal-offerta pubblika tas-*cctv cameras* fil-ġonna pubbliċi. Din se tingħata lill-orħos offerent, jiġifieri lil *Stereovision Ltd.* Għal issa se jintbagħtu r-*refusal letters* lill-*bidders* l-oħra, ħalli jibda' jiskatta t-terminu fejn dawn ikollhom iċ-ċans li jagħmlu l-oġġezzjonijiet tagħhom jekk hekk jidhrilhom. Dawn il-*cameras* issa se jeħlu f'Misraħ Fidwa u fi Ġnien Tfal ir-Raħal.

21. Dwar il-*play centre* li se jitpoġġa fil-ġnien ta' Misraħ il-Fidwa, issa *JGC Ltd* tana stampa bil-kuluri ta' dan l-*equipment* li xtaq il-kunsill – kuluri vivaċi li jappellaw għat-tfal. Dan il-*play centre* fih żewġ *slides* u l-kuluri tagħhom kienu ġew magħżula waqt laqgħa tal-kunsill. Sadanittant qed nistennew li d-*DNO* tiġi pproċessata mill-*MEPA*, ħalli nibdew ix-xogħol filwaqt li l-*equipment* hu ttamat li se jiġi wara Diċembru. Intant qed nikkunsidraw li l-paviment isir bil-madum li ma jkunx jiżloq flok konkos. Biex innaqqsu l-periklu se nwaqqfu l-*hoarding* mal-bandli ħalli żgur li ħadd ma jidħol.

22. Is-sindku ppropona wkoll li jsir *railing* tal-ħadid flok il-*hedge* li tqaċċtet mill-ħaddiema tagħna fil-ġnien ta' Triq Mikelanġ Sapiano. Dan se jitwaħħal fuq filata ġebel li nxtrat u qed titpoġġa preżentement mill-ħaddiema tagħna stess.

23. Kien diskuss il-fatt illi b'appoġġ lejn il-qasam sportiv kif ukoll lejn l-għaqdiet mhux biss tar-raħal tagħna iżda wkoll tar-reġjun, nhar il-Ħadd, 3 ta' Novembru, 2013 ilqajna lill-atleti tal-maratona nazzjonali taż-Żurrieq bid-daqq tal-kitarri u t-tnabar quddiem il-*ground* tal-futbol tal-Imqabba fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Din il-merħba ingħatat wara stedina mhux uffiċjali li saret mill-Kumitat taż-*Żurrieq Wolves.*

**AĠENDA**

24. Kienet diskussa l-proposta li jiġi nominat ambaxxatur taż-żgħażagħ skont Memo 26/2013. Is-sindku qal li din il-persuna se tkun membru ieħor fil-laqgħat tal-KLM li mhux se jkollha vot u li se tkun tal-età bejn is-16 u t-18-il sena. Is-sindku ressaq in-nomina ta' Ms Maria Zammit li toqgħod 'Il-Girna', Triq Ħal Kirkop, L-Imqabba. Minkejja li Paul Spiteri ippropona lil Ms Ellul, il-KLM kien tal-fehma li l-aħjar persuna li se tkun qed tirrappreżentana hija Ms Zammit u nhar is-Sibt, 9 ta' Novembru, 2013 se tkun il-Belt Valletta mas-sindku għall-ewwel laqgħa tagħha mas-Segretarju Parlamentari Dr Josè Herrera LLD., MP.

25. B'referenza għall-osservanza li kien hemm fil-laqgħat preċedenti dwar id-dekasteri, is-sindku qara dikjarazzjoni li kien ipprepara minn qabel dwar dan il-fatt. Hu qal li b'riferenza għal *item 5* tal-aħħar laqgħa hu kien qed jipproponi d-dekasteri li ġejjin. Is-sindku se jkun assenjat mill-qasam finanzjarju, fondi strutturali tal-UE, proġetti kapitali u infrastrutturali, relazzjonijiet pubbliċi, attivitajiet ġenerali, qasam internazzjonali, turiżmu lokali, pubblikazzjonijiet u l-ordni pubblika. Id-deputat sindku se tkun assenjata mill-qasam legali, qasam taż-żgħażagħ, il-kunsill taż-żgħażagħ, programmi tal-Unjoni Ewropeja, enerġija alternattiva, konservazzjoni tal-ilma, u tibdil fil-klima. Il-Kunsiller Grace Marie Mallia se tkun assenjata mill-qasam soċjali, persuni b'diżabilità, anzjani, organizzazzjonijiet filantropiċi, għaqdiet lokali, entrapriżi lokali u trasport pubbliku. Il-Kunsillier Michel Farrugia se jkun assenjat bil-qasam ambjentali, manutenzjoni tat-toroq u bankini, sinjali tat-traffiku u żamma ta' ġonna pubbliċi. Filwaqt li l-Kunsillier Paul Spiteri se jkun assenjat bil-qasam edukattiv, qasam sportiv, qasam tas-saħħa, siti storiċi u servizzi ġenerali fosthom il-Korporazzjoni Enemalta, Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, *GO plc, Melita plc* eċċ.

26. Is-sindku fiehem illi l-kunsillieri se jkunu qed jagħtu sehemhom meta jkun hemm xi *seminars* li jkunu fir-responsabbilità (portafol) ta' dak il-kunsillieri partikulari.

27. Issemma l-appuntament għal-laqgħa li ingħatajna mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar it-18 ta' Novembru, 2013 fis-6.00am. Hawn Paul Spiteri talab li jkun skużat għaliex se jkun imsiefer.

28. Il-kunsillieri iddiskutew il-*launch* li saret mill-Ministeru tat-Turiżmu u mis-Segretarju Parlamentari għall-Kultura tal-hekk imsejħa Skema Kulturali. Hawn intqal li f'din il-laqgħa li kellhom is-sindku u s-SE ma ingħataw l-ebda għotja għaliex l-ewwel, il-kunsilli jridu jagħmlu l-proposti tagħhom. Fil-każ tagħna, tal-attività *Biss bil-Ħila 2014* u oħra għal qabel il-Ġimgħa l-Kbira li se tieħu l-forma ta' *pageant* fit-toroq. Dwar din tal-aħħar is-SE intalab li jagħmel emenda li bħala imsieħba se jkollna wkoll il-Parroċċa minbarra l-każini tal-banda. Is-sindku qal li peress li hemm lokalitajiet li jagħmlu aktar minn attività kulturali fis-sena, il-fondi qed isiru aktar frammentati. Intant dwar il-*pageant,* il-KLM qed jibbaża l-attività fuq grupp Għawdxi li se jħallaslu għat-trasport bil-baħar bejn iż-żewġ gżejjer li jikkonsisti f'200 persuna.

29. Kien diskuss il-pjan tal-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Ħal Kirkop peress li kien hemm min qala' t-tabelli li tpoġġew minn *Transport Malta* biex it-triq ma tibqax *one-way* kif proposta. Hawn is-sindku qal li waslulu rapporti illi fin-naħa tas-serer hemm min irid jidħol bi trakk u ma jistax idur. Għaldaqstant irridu nirrevedu kollox u nintroduċu *cul-de-sac sign* u Triq Ħal Kirkop tingħalaq biss mil-fetħa tas-serer 'il ġewwa.

30. Is-SE informa lill-kunsillieri li ġejjin l-udituri jagħmlu *audit* fuq il-proġett tal-Unjoni Ewropeja magħruf bħala dak tal-Mentna. Is-sindku qal li hu diżappunt għalih għaliex il-ġnien mhux jixgħel u fil-fatt dan mhux għaliex aħna ttraskurajnih, iżda għaliex lanqas il-kuntrattur Schembri Barbros ma sab tarfu peremezz tal-ħaddiema tiegħu, meta ġew dawn l-aħħar f'tentattiv li sar. Għaldaqstant, il-Perit Bezzina għandu xi ċekkijiet miżmuma mill-kunsill li madankollu ma jappartjenux dan il-proġett iżda l-*management fees* tat-toroq li kienu saru qabel l-elezzjoni tal-KLM, biex nassiguraw ruħna li x-xogħol jiġi rranġat.

31. Nicholas Briffa tkellem fuq il-laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2013 mas-Soċjetajiet Mużikali tal-Imqabba dwar l-oppożizzjoni li qed jagħmlu dwar propost żvilupp tax-Xatba l-Ħamra f'*Outside Development Zone* li bih mhux se jkunu jistgħu itellgħu murtali iżjed fl-Imqabba minħabba l-periklu li jkun hemm. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi nhar it-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2013 fil-5.00pm qed tkun proposta laqgħa mal-avukat imqabbad mill-każini, Dr Ian Stafrace. Intant is-sindku u s-segretarju għamlu l-oġġezzjoni tal-kunsill f'ittra li iżda għadha ma ntbagħtetx qabel ma naraw x'se jkun l-eżodu tal-laqgħa futura msemmija.

32. Il-kunsillieri kienu infurmat illi għall-*Week End Break* li se jkun organizzat mill-KLM bejn il-15 u s-17, Novembru, 2013, se jkun hemm parteċipazzjoni inkoraġġanti. Id-deputat sindku u Grace Marie Mallia se jkunu f'xi waqtiet magħna sabiex itellgħu t-tombla u joqgħodu għall-ikel, filwaqt li Paul Spiteri skuża ruħu li mhux se jkun jista' jattendi.

33. Kienet approvata l-*payment approval sheet* numru 472 filwaqt li l-kunsillieri kellhom quddiemhom il-lista tal-korrispondenza u mal-aġenda intbagħtet ukoll il-lista tal-ilment li lqajna f'dawn l-aħħar ġimgħat.

**Punti Oħra.**

34. Paul Spiteri semma l-inizjattiva ta' *fund raising* '*Wishing Others Well'* li qed tkun organizzata mill-Iskola ta' Santa Lucia, issemmew il-ġbir ta' ħwejjeġ li jistgħu faċilment ikunu riċiklati u Charlene Zammit qalet illi jistgħu ikunu riċiklati wkoll *toys* tat-tfal, ġugarelli, *cots* eċċ.

35. Il-KLM iddiskuta il-*party* tat-tfal tal-Milied li issa kien deċiż illi jsir nhar it-28 ta' Diċembru, 2013 fil-10.00am. Is-SE kien mitlub sabiex jagħmel l-arranġamenti kollha għal dan inkluż li javża lill-għaqdiet l-oħra b'din id-deċiżjoni qabem ma jiffissaw huma l-*party* tagħhom.

36. Is-sindku fakkar lill-kunsillieri illi nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2013, se tinżamm waħda mil-laqgħat li s-soltu kienu qed jiġu organizzati mid-Direttur tat-Turiżmu, is-Sur Julian Zarb, fl-Isptar il-Qadim. Peress li se jkun hemm ħafna rappreżentanti ta' kunsilli oħra li jmissu magħna, is-sindku stieden lill-kunsillieri sabiex huma wkoll ikunu preżenti.

37. Kien diskuss il-proġett ambizzjuż li għandu l-KLM għal Ċentru tal-Komunità fuq il-bini tal-ġibjun il-miftuħ biex jinħolqu Kunsill Lokali, *Day Care Centre, Night Shelter*, Berġa u Sala. Is-sindku qal li fuq dawn il-pjanijiet qed jaħdem il-Perit William Lewis. Intant Charlene Zammit saħqet fuq il-pjanijiet li ilhom diversi snin biex jinbena ġibjun addizzjonali fl-inħawi ta' Triq Ġanni Darmanin.

38. Grace Marie Mallia talbet informazzjoni dwar il-każ ta' Maria Stella Zammit għall-*Keep Clear parking bay* fi Triq il-Parroċċa. Hija talbet ukoll li ssir bankina ġdida fi Triq Valletta viċin il-kamra tal-kenniesa, bħalma s-SE qal li qed issir insistenza fuqna biex titkompla l-bankina ta' Triq il-Parroċċa fl-aktar parti dejqa ta' din it-triq viċin l-uffiċċju tal-KLM. Charlene Zammit irrappurtat ħsara tal-ilma fi Triq tas-Sejba quddiem ir-residenza ta' Grace Mifsud. Grace Marie Mallia talbet li tinqala' għat-tieni darba parti minn Triq il-Mitħna għaliex qed iżżomm l-ilma fiha.

39. Il-laqgħa ntemmet fid-21:09pm filwaqt li l-kunsillieri baqgħu jiddiskutu informalment sal-21:45pm u ftehmu fuq il-laqgħa li jmiss li ssir ħmistax-il ġurnata oħra fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*19.11.2013 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |